MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Citazzjoni Numru. 756/2013

**Lawrence u Josephine konjugi Gatt**

***kontra***

**Bezrod Limited (C38102)**

**Il-Qorti :**

**I.** **<u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat li kien prezentat fis-<u>6 ta` Awissu 2013</u> u jaqra hekk :-

*1. Illi permezz ta` kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu tat-tnax (12) ta` Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech (hawn anness u mmarkat Dok A) il-partijiet ftehmu li s-socjeta` intimata ghandha taghmel xogholijiet fil-blokk ta` appartamenti bin-numru ufficjali mitejn u tmienja u ghoxrin (228) fiq Triq Lampuka, Tarxien ;*

*2. Illi kif jirrizulta mill-istess kuntratt, dawn ix-xogholijiet kellhom jikkopnsistu fl-istallazzjoni ta` lift (liema lift kellu jkun funzjonabbli) u numru ta` xogholijiet ohra fl-istess block u cjoe fit-tlestija tal-komun inkluz l-iskirting, it-tieqa u l-cupboards tal-meter tad-dawl u l-ilma, il-funzjonabbilita` tad-dawl u tal-ilma fil-komun u gewwa l-appartament, it-tibdil tal-bieba tax-shower, l-installazzjoni tal-covers tal-ventilaturi u li jsiru s-sollijiet tal-bibien tal-appartament kollha ;*

*3. Illi inoltre kien pattwit ukoll li water heater ossia l-geyser jigi ritoornat lir-rikorrenti.*

*4. Illi skond il-kuntratt suriferit, l-istess socjeta` intimata obbligat ruhha li sakemm il-lift ikun installat u funzjonabbli, hi thallas il-kera dovuta ghall-appartament li fih ikun eqd jirrisjedu l-konjugi Gatt fl-ammont ta` mitejn u hamsa u sittin ewro (€265) fix-xahar dekorribbli minn Dicembru 2012 ;*

*5. Illi l-istess socjeta` obbligat ruhha li thallas ammont ta` penali fl-ammont ta` hamsin ewro (€50) ghal kull jum li l-lift ma jkunx funzjonabbli mis-sebgha (7) ta` Dicembru 2012 ;*

*6. Illi s-socjeta` intimata obbligat ruhha ukoll li thallas penali ohra fl-ammont ta` ghoxrin ewro (€20) ghal kull jum li x-xogholijiet elenkati fil-kuntratt ma jitlestewx sat-tnax (12) ta` Awissu 2012, u kwindi tali penali jiddekorri minn dak in-nhar ;*

*7. Illi s-socjeta` intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dawn il-penali, fosthom permezz ta` ittra ufficjali numru 171/2013 datata sitta ta` Gunju 2013 (hawn annessa u mmarkata Dok B) izda ghazlet li tibqa` inadempjenti ;*

*8. Illi minbarra l-fatt li jehtieg li jsiru x-xogholijiet is-socjeta` konvenuta ghandha thallas lill-esponenti l-penali li ddekorrew u li ghad iridu jiddekorru fil-mori tal-kawza skond kif miftiehem fil-kuntratt ;*

*9. Illi din il-kawza qed issir sabiex is-socjeta` intimata tigi kkundannata thallas il-kera u l-penali dovuti lill-esponenti minhabba d-dewmien u sabiex l-istess konvenuta tigi kkundannata taghmel ix-xogholijiet u fin-nuqqas tawtorizza li tali xogholijiet isiru taht is-sorveljanza ta` periti nominandi ;*

*10. Illi ghal kull buon fini jigi dikjarat li sal-lum :*

*a) Il-kera dovuta ghall-appartament li fih qed jirrisjedu l-konjugi Gatt sad-data ta` l-installazzjoni tal-lift fl-24 ta` Lulju 2013 u ghalhekk ammontanti ghal elfejn u sittin Euro u ghoxrin centezmu (€2060.20) ;*

*b) Penali fl-ammont ta` hamsin ewro (€50) ghal kull jum li l-lift ma jkunx funzjonabbli mis-sebgha (7) ta` Dicembru 2012 sad-data ta` meta gie installat il-lift u cjoe` l-24 ta` Lulju 2013 u cjoe ghal 229 jum ammontanti ghal hdax-il elf erba` mija u hamsin Euro (€11,450) ; u*

*c) Penali ohra fl-ammont ta` ghoxrin ewro (€20) ghal kull jum li x-xogholijiet l-ohra miftehma bejn il-partijiet li bdew jiddekorru meta x-xogholijiet ma tlestewx sat-tnax (12) ta` Awissu 2012 sal-lum jammontaw ghal sebat elef mija u tmenin euro (€7,180) minhabba li x-xogholijiet ghadhom ma tlestewx ;*

*Jigi rilevat li l-quantum ta` tali penali hi nsindakabbli minn kull qorti u dovuta ghas-semplici dewmien skond il-kuntratt.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, joghgobha :*

*1. Tiddikjara li s-socjeta` intimate naqset milli twettaq ix-xoghjolijiet li ntrabtet li taghmel fl-blokk ta` appartmenmti bin-numru ufficjali mitejn u tmienja u ghoxrin (228) fi Triq Lampuka, Tarxien u dan skond kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu tat-tnax (12) ta` Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech ;*

*2. Tordna lis-socjeta` intimata taghmel ix-xogholijiet mehtiega fil-blokk ta` appartamenti bin-numru ufficjali mitejn u tmienja u ghoxrin (228) fi Triq Lampuka, Tarxien u dan skond kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu tat-tnax (12) ta` Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech u dan entro terminu qasir u perentorju li jigi prefiss ;*

*3. Tawtorizza lill-stanti sabiex fin-nuqqas jaghmlu x-xogholijiet huma that id-direzzjoni ta`periti nominandi, a spejjez tal-konvenuti ;*

*4. Tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex tirritorna l-water heater ossia l-geyser lir-rikorrenti u dan entro terminu qasir u perentorju li jigi prefiss ;*

*5. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex fin-nuqqas thallas dik is-somma li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa rapprezentanti l-valur tal-istess water heater ossia l-geyser u dan prevja likwidazzjoni bl-opera occorrendo ta` periti nominandi ;*

*6. Tiddikjara li minhabba l-inadempjenza taghha, is-socjeta` konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghall-kera ghall-appartament li fiha qed jirrisjedu l-istanti ;*

*7. Tillikwida l-kera ghall-apparatement li fih qed jirrisjedi l-istanti fl-ammont ta` mitejn u hamsa u sittin ewro (€265) fix-xahar dekorribbli minn Dicembru 2012 sa Lulju 2013 ;*

*8. Tordna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont hekk likwidat ;*

*9. Tiddikjara li minhabba l-inadempjenza taghha u cjoe billi naqset milli tinstalla l-lift u tara li jkun funzjonabbli, is-socjeta` konvenuta ghandha thallas penali lill-istanti fl-ammont ta` hamsin ewro (€50) ghal kull jum li l-lift ma jkunx funjonabbli u dan b`effett mis-sebgha (7) ta` Dicembru 2012 sal-24 ta` Lulju 2013 ;*

*10. Tillikwida l-penali kif imfisser fit-talba precedenti bir-rata ta` hamsin euro (€50) ghal kull jum li l-lift ma jkunx funzjonabbli u dan b`effett mis-sebgha (7) ta` Dicembru 2012 sal-24 ta` Lulju 2013 ;*

*11. Tordna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont hekk likwidat ;*

*12. Tiddikjara li minhabba l-inadem,pjenza taghha, u cjoe billi naqset milli taghmel xogholijiet hekk kif imfisser fil-kuntratt suriferit, is-socjeta` konvenutra ghandha thallas penali lill-istanti fl-ammont ta` ghoxrin ewro (€20) ghal kull jum u dan b`effett mit-tnax (12) ta` Awissu 2012 ;*

*13. Tillikwida l-penali kif imfisser fit-talba precedenti bir-rata ta` ghoxrin euro (€20) ghal kull jum li l-lift ma jkunx funzjonabbli u dan b`effett mit-tnax (12) ta` Awissu 2012 ;*

*14. Tordna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont hekk likwidat ;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali numru 171/2013, tal-mandat ta` sekwestru numru 845/2013, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat minn issa ingunt in subizzjoni u b`riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati flimkien mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta` Awissu 2013 fejn ordnat in-notifika tar-rikors guramentat lill-intimata bi zmien ghoxrin (20) jum min-notifika ghar-risposta u appuntat il-kawza ghas-smigh ghal nhar it-tlieta 15 ta` Ottubru 2013 fid-9.00 a.m.

Rat illi skond il-folder a fol 18 in-notifika tal-intimata saret fl-indirizz : *54, Triton, Triq il-Qawwara, Marsaskala.*

Rat illi skond ir-referta a tergo ta` fol 18, l-intimata kienet notifikata billi l-atti thallew fl-indirizz moghti f`idejn Cettina Bezzina.

Rat illi bhala fatt wara dik in-notifika ma kenitx prezentata risposta guramentata.

Rat ir-rikors li pprezentat Bezrod Limited fl-14 ta` Ottubru 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbet lil din il-Qorti sabiex : *1) fl-ewwel lok tiddikjara n-notifika li saret f`idejn Cettina Bezzina ma hijiex wahda regolari u 2) fit-tieni lok ghal kull bwon fini tawtorizza l-presentata tar-risposta mahlufa pprezentata kontestwalment.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, ordnat l-isfilz tar-risposta guramentata, kif ukoll ordnat in-notifika lill-atturi tar-rikors tal-14 ta` Ottubru 2013 u tathom sebat ijiem zmien biex iwiegbu.

Rat ir-risposta li l-atturi pprezentaw fit-22 ta` Ottubru 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, irrilevaw li l-Qorti ghandha tichad it-talbiet tal-konvenuta u tqisha kontumaci.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Roderick Bezzina u ta` Cettina Bezzina.

Semghet ix-xiehda ta` Roderick Bezzina fl-udjenza tad-19 ta` Novembru 2013.

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw l-atturi fl-udjenza tas-7 ta` Jannar 2014.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment dwar ir-rikors tal-konvenuta tal-14 ta` Ottubru 2013.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Il-kontestazzjoni</u>**

Bil-provvediment tal-lum, il-Qorti sejra taghti decizjoni dwar ir-regolarita` tan-notifika tar-rikors guramentat (tergo ta` fol 18).

Il-kontestazzjoni tal-konvenuta huwa migbur fl-ewwel zewg paragrafi tar-rikors taghha :-

*Illi l-atti promotorji ta` dina l-kawza gew notifikati f`idejn Cettina Bezzina illi la hija ufficjal tal-kumpannija esponenti u lanqas toqghod jew tkun fl-ufficcju registrat tal-kumpannija esponenti. Cettina Bezzina hija omm l-uniku direttur u azzjonist tal-kumpannija esponenti jigifieri Roderick Bezzina. Hija toqghod fl-istess block appartamenti fejn il-kumpannija esponenti ghandha l-indirizz registrat taghha izda filwaqt illi l-ufficcju registrat tal-kumpannija esponenti jinstab fi Flat 3, Triq il-Qawwara, Triton, Marsaskala, l-imsemmija Cettina Bezzina Toqghod gewwa Flat 2, Triton, Triq il-Qawwara, Marsaskala ;*

*Illi ghalhekk Cettina Bezzina la tirrapprezenta lill-kumpannija esponenti u lanqas toqghod jew kienet fl-ufficcju registrat taghha.*

**Ikkunsidrat :**

**III.** **<u>Provi</u>**

Kien prezentat il-*memorandum* u l-*articles of association* tal-kumpannija konvenuta (Dok JC1). Il-kumpannija kienet registrata fit-28 ta` Frar 2006 bin-Nru C38102 bl-indirizz registrat taghha jkun : 54, Triton, Triq il-Qawwara, Marsaskala. Dak l-indirizz baqa` l-istess wiehed tal-bidu (ara fol 40). Huwa wkoll l-indirizz fejn saret in-notifika in kwistjoni (ara fol 18). Skond l-istess atti socjetarji, huwa wkoll l-indirizz ta` Roderick Bezzina li huwa l-uniku azzjonista u l-uniku direttur tal-kumpannija. Bezzina huwa wkoll is-segretarju tal-kumpannija, u ghandu r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-kumpannija.

**<u>Roderick Bezzina</u>** halef l-affidavit tieghu fit-18 ta` Novembru 2013. Huwa xehed illi llum il-fond 54, Triton, Triq il-Qawwara, Marsaskala, huwa block ta` tliet appartamenti bl-isem : Triton Court. Ommu Cettina Bezzina toqghod fil-flat 2 waqt li l-flat 3 jintuza bhala l-ufficcju registrat tal-kumpannija konvenuta. Huwa personalment jirrisjedi fil-fond Adrian`s Court, 139/1 Triq Matteolo Saliba, Zurrieq. L-atti tal-kawza kienu konsenjati lil ommu Cettina Bezzina. Skond ma qaltlu ommu, l-atti kienu konsenjati fis-27 ta` Settembru 2013. Billi kien ghad fadal zmien biex jipprezenta r-risposta guramentata, b`konsultazzjoni mal-avukat tieghu, iddecieda li jaghmel il-presentata lejliet l-ewwel dehra tal-kawza. Meta mar il-Qorti biex jipprezenta l-att, sar jaf li fil-fatt ommu kienet irceviet l-atti f`data li kienet aktar kmieni mid-data li qaltlu biha. U dakinhar tal-lejliet il-kawza, l-ghoxrin (20) gurnata ghall-presentata kienu ghaddew. Sostna li ommu ma ghandha l-ebda kariga fil-kumpannija ; lanqas ma hija awtorizzata taccetta karti tal-Qorti ghan-nom tal-kumpannija.

Fil-**kontroezami**, Roderick Bezzina xehed li l-indirizz registrat tal-kumpannija huwa Triton Flat 3, Triq il-Qawwara, Marsaskala. Huwa personalment ma kienx inghata karti tal-qorti mill-marixxall. Wara li ommu hadet il-karti, hija poggiethom mal-posta normali. Il-kumpannija m`ghandhiex post tan-negozju. Fiz-zmien meta giet registrata l-kumpannija, il-fond 54 kien post wiehed. Wara li l-fond inbidel fi block ta` tliet flats, bil-flat 3 isir l-ufficcju registrat tal-kumpannija, huwa ma avzax lir-Registratur tal-Kumpanniji. Ikkonferma li qabel dakinhar kien ircieva ittra ufficjali. Muri d-dokument a fol 14, xehed illi dak l-att gudizzjarju haditu ommu. U hu kien wiegeb ghal dak l-att. Id-dokumenti tat-taxxa l-kumpannija tircevihom fil-post 54 u jmorru fil-letterbox tal-flat 3.

**Cettina Bezzina** xehdet illi hija tirrisjedi fi Triton Court 54/2 Triq il-Qawwara, Marsakala. Meta l-marixxall gie bil-karti tal-Qorti f`Settembru 2013 cempel il-qniepen kollha tal-flats tal-blokk inkluz taghha. Hija kienet l-unika wahda prezenti. Il-karti kienu destinati ghal Bezrod Limited li hija l-kumpannija tat-tifel taghha Roderick. L-indirizz registrat tal-kumpannija huwa fil-flat 3 tal-blokk pero` ma tantx ikun f`dak l-appartament. Il-marixxall ipperswadiha biex taccetta l-karti u tghaddihom hi lil binha. Kien is-27 ta` Settembru 2013. Binha mar jaraha fis-6 ta` Ottubru 2013. Meta avzatu bil-karti u qaltlu bid-data li kienet irceviethom, Roderick qalilha biex ma taccettax karti tal-Qorti li jkunu f`isem il-kumpannija tieghu. Binha ha l-karti biex ighaddihom lill-avukat tieghu. Stqarret illi hi ma ghandha x`taqsam xejn mal-kumpannija u lanqas mhi awtorizzata taccetta karti ghall-kumpannija.

**Ikkunsidrat :**

**IV. Dritt**

Il-procedura ta` notifika ta` atti gudizzjarji ta` korp li jkollu personalita` guridika distinta tirrizulta fl-**Art 187(4) tal-Kap 12** li jaqra hekk :-

*Fil-każ ta` korp li jkollu personalità ġuridika distinta, in-notifika lil dak il-korp għandha ssir billi titħalla kopja tal-iskrittura :*

*(a) fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju prinċipali, tiegħu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f`idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 181A jew f`idejn impjegat ta` dak il-korp ;* ***jew***

*(b) f`idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1).*

(sottolinear u enfasi tal-qorti)

Il-paragrafu (a) tad-disposizzjoni jirreferi ghall-**Art 181A(2) tal-Kap 12** li jaqra hekk :-

*Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li għandha tinħalef skont il-liġi għandha, fil-każ ta` korp li jkollu personalità ġuridika distinta, tinħalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta` dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f`ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija.*

Il-paragrafu (b) tal-istess disposizzjoni jirreferi ghall-**Art 187(1) tal-Kap 12**. Ghall-kaz tal-lum, il-parti rilevanti ta` dan is-subartikolu huwa :-

*In-notifika ssir bil-kunsinna ta` kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja titħalla f `idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f`idejn wieħed fis-servizz ta` dik il-persuna jew f `idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha, fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha …*

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Risultanzi</u>**

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Novembru 2007 fil-kawza "**<u>Xanthippe Shipping Ltd vs Kontrollur tad-Dwana</u>**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*Il-kwistjoni tan-notifika ta` att gudizzjarju li ghandha ssir lill-kumpanija hi ben definita fil-ligi, partikolarment il-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta. Skond din il-ligi, fil-kaz ta` korp li jkollu personalita` guridika distinta, in-notifika lil dak il-korp ghandha ssir billi tithalla kopja ta` l-iskrittura [Artikolu 187(4)(b)] f`idejn persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ta` dak il-korp jew segretarju tal-kumpanija jew persuna ohra li tkun awtorizzata bil-mitkub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f`ismu [Artikolu 181A(2)], u dan bil-mod indikat fl-Artikolu 187(1), u cioe` billi dik il-kopja tithalla f`idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f`idejn wiehed fis-servizz ta` dik il-persuna jew f`idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha.*

*Issa, f`dan il-kaz, l-ittra ufficjali thalliet f`idejn id-diretturi tal-kumpanija rikorrenti billi thalliet kopja taghha fil-lok fejn joqoghdu f`idejn wahda fis-servizz taghhom. In-notifika, allura, saret fit-termini tal-ligi u ghandha titqies valida.*

*Jirrizulta li dan ir-rikors gie pprezentat jum tard u ghandu jitqies irritwali.*

(ara wkoll : **<u>PA/GV</u>** : "**<u>Louis De Bon et vs Stefania Micallef et pro et noe</u>**" : 30 ta` Mejju 2008)

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li ghalkemm fil-kontroezami, Roderick Bezzina xehed illi l-indirizz registrat tal-kumpannija huwa Triton, Flat 3, Triq il-Qawwara, Marsaskala, ix-xhud huwa zbaljat ghaliex id-dokumenti ufficjali tal-kumpannija juru xort`ohra. U l-aqwa prova huwa l-miktub mhux dak li jistqarr ix-xhud. L-ufficcju registrat tal-kumpannija huwa ndikat bhala Triton, 54, Triq il-Qawwara, Marsaskala.

Jidher li bejn id-data li fiha kienet kostitwita l-kumpannija fl-2006 u d-data li fiha kien notifikat ir-rikors guramentat fl-2013, il-fond fejn jinsab l-ufficcju registrat tal-kumpannija ma baqax fond wiehed izda kien trasformat fi tliet appartamenti. Eppure ghalkemm skond Roderick Bezzina l-ufficcju registrat fil-prattika kien sar il-flat 3, legalment l-ufficcju registrat baqa` dak li kien u cioe` l-fond 54 (bhala entita` wahda) ghaliex ghar-ragunijiet taghha l-kumpannija ma haditx hsieb taghmel il-bidliet li kien hemm bzonn fil-memorandum taghha u tavzahom lir-Registratur tal-Kumpanniji. Ghalhekk ghall-fini tal-Art 187(4)(a) in-notifika tar-rikors guramentat saret validament fl-ufficcju registrat tal-kumpannija.

L-istess Art 187(4)(a) jindika l-persuni li f`idejhom jithalla l-att billi jaghmel riferenza ghall-Art 181A(2) tal-Kap 12. Dawn il-persuni huma (a) persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ; jew b) is-segretarju tal-kumpannija ; jew c) kull persuna ohra lit kun awtorizzata bil-miktub sabiex tircievi l-atti gudizzjarji. Ma` dawn il-persuni l-Art 187(4)(a) izzid issemmi impjegat tal-kumpannija. Issa fil-kaz tal-lum huwa nkontestat li r-rikors guramentat thalla f`idejn Cettina Bezzina, li rrizulta li tigi omm id-direttur, azzjonista u segretarju tal-kumpannija konvenuta. Ma rrizultax li Cettina Bezzina hija impjegata tal-kumpannija jew xi wahda mill-persuni ndikati fl-Art 181A(2) ghalkemm il-konsenja saret fl-ufficcju registrat tal-kumpannija. Mela mhux ir-rekwiziti kollha tal-Art 187(4)(a) huma sodisfatti.

Billi ghall-fini ta` validita` fl-Art 187(4) il-ligi hasbet ghal notifika **alternattiva** bl-introduzzjoni tas-subparagrafu (b) il-Qorti sejra tara jekk il-fatti tal-kaz tal-lum jissoddisfawx ir-rekwiziti ta` dan is-subparagrafu.

Din id-disposizzjoni tirreferi ghall-persuni li huma ndikati fl-Art 187(1). Dawn huma : a) membru tal-familja ; jew b) tad-dar ; jew c) f`idejn wiehed fis-servizz ta` dik il-persuna ; jew d) f`idejn il-prokuratur taghha ; e) jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha. Fil-kaz tal-lum irrizulta li r-rikors guramentat kien ikkonsenjat lil Cettina Bezzina, li tigi omm id-direttur, azzjonista u segretarju tal-kumpannija konvenuta, fil-post li huwa l-indirizz registrat tal-kumpannija, fejn il-kumpannija ghandha wkoll l-indirizz postali taghha, kif ukoll huwa l-post fejn go parti minnu tirrisjedi l-istess Cettina Bezzina.

Ghall-fini tas-subparagrafu (b) ma tidhol l-ebda kwistjoni ta` awtorizzazzjoni (b`riferenza ghal li xehed Roderick Bezzina dwar il-fatt li ommu ma kellhiex l-awtorizzazzjoni tieghu li naccetta karti tal-Qorti ntizi ghall-kumpannija).

Ighodd *mutatis mutandis* ghall-kaz tal-lum dak li nghat minn din il-Qorti (**PA/JRM**) fis-sentenza tal-ewwel grad fil-kawza "**Xanthippe Shipping Ltd vs Kontrollur tad-Dwana**" (op. cit.) :-

*Illi huwa minnu li l-avukat Spiteri jghid li kien ta struzzjonijiet lill-persuni mpjegati bhala domestici tad-dar tieghu biex ma jilqghux ittri mibghuta f`ismu. Jirrizulta wkoll li l-ebda wiehed mill-imsemmija domestici ma kellhom awtorizzazzjoni bil-miktub min-naha tal-kumpannija rikorrenti biex jilqghu atti gudizzjarji f`isimha. Imma l-Qorti ssib li ladarba l-ligi trid li n-notifika ta` persuna li ghandha r-rapprezentanza ta` kumpannija kif imsemmi fl-artikolu 181A(2) tal-Kodici tista` ssir ukoll fid-dar fejn toqghod tali persuna, u li f`kaz bhal dak, in-notifika tista` ssir lil kull membru tal-familja* ***jew tad-dar jew f`idejn wiehed fis-servizz ta` dik il-persuna****, allura f`dak il-kaz, il-kwestjoni tal-awtorizzazzjoni ma tidholx. Fi kliem iehor,*

*ladarba l-ittra ufficjali ntbaghtet fl-indirizz postali u wkoll fid-dar fejn jghammru d-diretturi tal-kumpannija rikorrenti (li huwa wkoll l-indirizz registrat tal-istess kumpannija), u l-fatt li l-att gudizzjarju ntlaqa` minn persuna fis-servizz taghhom, dan ifisser li n-notifika saret kif imiss ghall-finijiet tal-artikolu 187(4)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

Abbazi tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz tal-lum, il-Qorti hija tal-fehma illi huma sodisfatti r-rekwiziti tal-Art 187(4)(b) tal-Kap 12.

Ladarba l-kumpannija konvenuta kienet validament notifikata bir-rikors guramentat fit-13 ta` Settembru 2013, u naqset milli tipprezenta risposta guramentata fit-terminu stabbilit fl-Art 158(1) tal-Kap 12, allura l-istess kumpannija konvenuta hija kontumaci.

**Decizjoni**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-rikors li l-kumpannija konvenuta pprezentat fl-14 ta` Ottubru 2014 billi :-**

**Tichad l-ewwel talba u tiddikjara li n-notifika tar-rikors guramentat (ara tergo ta` fol 18) saret kif imiss għall-finijiet tal-Art 187(4)(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;**

**Tichad it-tieni talba u tiddikjara kontumaci lill-kumpannija konvenuta.**

**L-ispejjes ta` dan il-provvediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------